MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Numru. 735/2001

**PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
MALCOLM DIMECH
DAVID BROWNRIGG**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati talli fil-25 ta’ Novembru, 2001 ghal habta ta’ l-hamsa ta’ filghodu gewwa l-Havana Club li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ haddiehor f’periklu car ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Tobias Lindgvist u Gustav Isaksson, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 214 ta’ l-Kapitolu 9 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hebbew kontra persuni sabiex jingurjaw, idejqu u jaghmlu hsara lil dawn il-persuni, u cioe’ lil Tobias Lindgvist u lil Gustav Isaksson

u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339 (1) (d) ta’ l-Kapitolu 9 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ghamluha ta’ gwardjani privati minghajr licenzja ta’ l-Kummissarju ta’ l-Pulizija;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha ta’ l-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista’ ssib il-htija fl-imputati;

Rat il-verbal tat-2 ta’ Ottubru, 2002 fejn l-imputati ma kellhomx l-oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud xehed illi kien ha rapport minn xi studenti barranin kontra l-imputati u li l-istess imputati kienu minn jeddhom waslu l-ghassa sabiex il-pulizija jkunu jistghu ikellmuhom (fol. 11 sa 13);

Illi mix-xhieda ta’ Tobias Lindgvist jirrizulta li fid-data imsemmija fl-akkuza u flimkien ma’ shabu kienu marru l-Havana Bar f’Paceville u kienu qeghdin jixorbu l-birra ma’ l-bar meta wiehed mill-bouncers talabhom biex jitilqu ghaliex kien wasal il-hin biex jghalqu dan l-istabbiliment.

Tobias Lindgvist xehed illi huwa rrisponda illi kien ser jispicca u li kien ser jitlaq.

A fol. 17 ta’ l-process Lindgvist jghid illi huwa spicca l-birra u kien hiereg ‘il barra meta dar lura halli jara shabu fejn kienu u sab lil erba’ bouncers jaghtu bis-sieq lil siehbu. Huma baqghu jaghtuh bis-sieq avolja kien mixhut ma’ l-art jipprova jiprotegi lil rasu. Il-persuna li kienet qed tigi agredita kien jisimha Gustav Isaksson. Tobia xehed illi

huwa prova jwaqqaf lill-bouncers milli jkomplu jaghtu lil Isaksson bis-sieq, u meta resaq vicin siehbu sabiex jaghtih l-ghajnuna fil-fatt qala' daqqa ta' sieq go rasu u intilef minn sensih u jaf biss li sab ruhu barra fuq il-bankina. Illi siehbu sabu barra t-triq ukoll bid-demm hiereg minn rasu u kellu subghajh il-kbir miksur.

Wara dan huma marru l-isptar fejn gew imdewwijin, gew rilaxxjati c-certifikati li gew esebiti ma' l-process u cioe' dokument TL u GI. Lindgvist xehed illi huwa kellu qasma fuq mohhu li ghaliha kienu jinhtiegu l-punti. Mistoqsi kemm damu fil-Havana Bar wara li gew mitluba biex johorgu mill-istess Havana bar, Lindgvist qal illi huma xorbu d-drink u forsi zewg minuti wara kienu ser johorgu 'il barra. Lindgvist sostna li huma ma krejaw ebda kjass minhabba l-fatt li l-bouncers talbuhom biex johorgu 'l barra.

Wara li gew imdewwija mill-isptar huma accedew ghall-ghassa ta' San Giljan sabiex jaghmlu ir-rapport. Lindgvist sostna li huwa ma kienx f'posizzjoni jaghraf ebda wiehed mill-imputati.

Fix-xhieda tieghu Gustav Isaksson a fol. 28 xehed illi huwa kien involut f'incident flimkien ma' shabu Tobias u Christina waqt li huwa kien il-Havana Bar fid-data ta' l-incident. Xehed illi kien gie wiehed mill-bouncers u qalilhom li kien hin li jinghalaq l-istabbiliment u li huma kellhom jitilqu. Isaksson xehed illi huma rrispondew li huma kienu ser jispiccaw il-birra umbaghad jitilqu. Tobias u Cristina fil-fatt kienu diga' qamu bil-wieqfa u kienu hergin 'il barra meta bouncer gie minn warajh, qallu xi haga, kien irrabjah, tah daqqa ta' ponn u wadbu ma' l-art u beda jaghtih bis-sieq.

Meta kien ghadu ma' l-art gew tliet bouncers ohra u bdew jaghtuh bis-sieq ukoll. Xehed li dawn it-tliet bouncers bdew jaghtuh bis-sieq u bdew jiffokaw fuq rasu tant li huwa kellu jiprotegi ruhu billi jghatti rasu b'drieghah. Dik kienet ir-raguni ghaliex kien sofra minn tbengil estensiv

f'dirghajh u kellu subghajh il-kbir fratturat, apparti li kien jinhtieglu zewg punti f'rasu.

Isaksson xehed illi siehbu Tobias kien ipprova jaqbez ghalih u johorgu 'il barra, izda l-bouncers qabduh minn drieghu u tefghuh 'il barra mill-post. Huwa xehed illi huwa fehem illi l-agressuri tieghu kienu bouncers minhabba li kellhom ilbies skur u gharaf wiehed mill-imputati bhala persuna li agredietu. Infatti x-xhud Isaksson kien gharaf lil David Brownrigg bhala l-imputat bil-qmis il-hamra (ara verbal a fol. 14 ta' l-process), bhala l-persuna li tah daqqa ta' ponn u xehtu ma' l-art u kompla jagredih (a fol. 31) bis-sieq.

Isaksson xehed illi huwa u shabu kienu ilhom il-Havana forsi xi siegha u kienu hadu zewg birra kull wiehed. Isaksson xehed illi kienu erba' bouncers illi eventwalment qabduh minn dirghajh u minn saqajh u garrewh ghal barra, ghalkemm hu mhux biss kien fi stat li jimxi izda fil-fatt meta irrilaxxjawh telaq jigri ghal parti l-ohra tat-triq. Sussegwentement hu u shabu qabdu taxi u marru l-isptar.

Isaksson esebixxa c-certifikat Dokument G1 illi juri li huwa kellu frattura ta' subghajh il-kbir u kellu bzonn tliet punti f'rasu. Isaksson xehed illi huwa kien mar il-Havana Club darba ohra qabel id-data ta' l-incident u qatt ma kellu problemi.

Mix-xhieda ta' Fabienne Keller a fol. 38 et sequitur jirrizulta li hija u shabha, cioe' tliet irgiel u zewg tfajliet kienu qeghdin il-Havana Bar meta gew il-bouncers fuqhom u qalulhom li l-istabbiliment kien ser jaghlaq. Fil-fatt Tobias xorob il-birra u hu u Cristina kienu hergin 'il barra meta indunat li bouncer iehor kien qed ikaxkar lil Gustav Isaksson li kien qieghed ma' l-art u jtih bis-sieq. Wara tliet bouncers ohra gew fuqu u bdew jergghu ituh is-sieq, "they always tried to kick him in the head" (ara fol. 39 tal-process).

Fabienne xehedet illi meta Tobias mar biex jipprova jghin lill-habib tieghu, wiehed mill-bouncers tah daqqa ta' sieq go rasu, b'tali mod li anke Tobias spicca ma' l-art.

Fabienne xehedet illi f'dan il-mument hija kienet qed issofri minn xokk u ma setghetx ticcaqlaq.

Fabienne Keller gharfet liz-zewg imputati bhala l-bouncers li attakkaw lill-hbieb taghhom (ara fol. 40). Fabienne Keller xehedet illi wara dan huma qabdu taxi biex jiehdu lill-hbieb taghhom l-isptar. Mistoqsija kif waslet ghall-konkluzjoni li l-agressuri ta' shabha kienu bouncers, Fabienne Keller xehedet is-segwenti:

"They wore the same clothes and it was not my first time in Havana. We were there nearly every weekend, I have been here for ten weeks", (ara xhieda a fol. 41).

Cristina Noli a fol. 44 xehedet li kienet ma' zewg guvintur stanjieri fil-bar Havana f'Paceville meta tfew id-dwal u l-bouncers talbuhom biex jitilqu. Xehdet illi hija qaltilhom li kienu lesti biex johorgu izda pero' kellhom jispiccaw il-birra. Cristina Noli xehdet illi hija u Tobias kienu hergin 'il barra meta harset lura u rat lil Gustav ma' l-art u wiehed mill-bouncers qed jaghtih bis-sieq. Qalet li wara ftit gew tliet bouncers ohra li wkoll bdew jaghtuh bis-sieq.

Minn hemmhekk Tobias mar biex jaghti l-ghajnuna lill-habib tieghu pero' laqqat daqqa ta' sieq go rasu.

Cristina Noli xehedet illi hija bdiet twerzaq u titlob lill-bouncers biex ma jixhtux lil Gustav mit-tarag ghal isfel. Mitluba tghid ghaliex assumiet li l-agressuri ta' shabha kienu bouncers, Cristina Noli xehedet a fol. 46: "They had a uniform, they wore black jackets and black pants…..They had a microphone…..They had some apparatus that they communicate to each other" (ara fol. 47). Noli kkonfermat illi l-erba' bouncers qabdu lil Gustav minn saqajh u dirghajh u harguh 'l barra mill-Havana. Xehdet illi hija qatt ma kellha problemi fid-drabi meta marret il-Havana qabel dan l-incident.

Cristina Noli gharfet wiehed mill-imputati pero' ma tistax tghid jekk kienx wiehed minn dawk il-bouncers li fil-fatt agredew lil shabha.

In kontro ezami, Tobias Lingdvist a fol. 55 et sequitur xehed illi huwa kien qed jghix go "hostel" f'Tas Sliema fis-soggorn tieghu f'Malta, u li fil-lejl indikat fic-citazzjoni huwa kien qed jixrob Cisk Lager u li kien ha bejn sitta u seba' pinet.

Xehed illi meta kien gie avvicinat mill-bouncer biex jitlaq huwa kien qed jixrob il-birra minn tazza u li ma kellu ebda flixkun f'idejh.

Gustav Isaksson a fol. 60 in kontro ezami rega' tenna li l-bouncer li qallu biex johrog 'il barra fil-fatt kien il-bouncer li beda jtih bis-sieq. Xehed ukoll li huwa ma kienx f'posizzjoni pero' li jaghraf l-erba' bouncers li agredewh. Isaksson innega li meta gie l-bouncer biex jitlobu biex johrog 'il barra huwa nhasad ghaliex u meta gara dan huwa kien qieghed bilqieghda f'siggu. Xehed ukoll illi meta kellmu l-bouncer hu qam bil-wieqfa izda f'dan il-mument ma kellux it-tazza ta' l-birra f'idejh.

Isaksson xehed illi meta gie mbuttat huwa waqa' ma' l-art waqa' …….u li dan il-bouncer beda jaghtih bis-sieq. Isaksson ma setghax jiftakar jekk l-ewwel daqqa ta' sieq qalaghhiex go rasu izda jghid a fol. 66: "one important thing is that my body didn't hurt, it was just my head, so I guess the first hit was in my head". A fol. 77 rega' tenna illi l-imputat bil-qmis il-hamra, u cioe' l-imputat David Brownrigg kien il-bouncer li mbuttah ma' l-art.

Isaksson ikkonferma li dak il-lejl kien xorob bejn hamsa u sitt pinet birra u li kkonsma xi zewg tazez inbid fir-reciviment ghand l-ghalliema tieghu.

Fabienne Keller fil-kontro ezami taghha a fol. 73 xehdet illi ma setghetx taghraf lill-bouncer li kien agredixxa bis-sieq lil Tobias.

Mix-xhieda ta' Dr Stefan Fenech a fol. 87 jirrizulta li huwa kien ezamina liz-zewg pazjenti, cioe' Tobias Lingdvist u Gustav Isaksson u kkonferma c-certifikati TL u G1.

Xehed illi Tobias Lingdvist kellu zewg feriti taht l-eyebrows ta' zewg centimetri, dawn il-feriti kienu feriti vertikali li kienu jirrikjedulu l-punti. Dan it-tabib minkejja li ammetta li l-griehi kienu fil-wicc u li jistghu ihallu l-iscarrings, iklassifikahom bhala mild injuries. Ikkonferma wkoll li kien hemm frattura tas-sebgha l-kbir ta' l-id, li wkoll gie klassifikat bhala "moderate injuries". Mitlub jispjega kif ikklassifika l-griehi dan it-tabib xehed is-segwenti, a fol. 89: "Ma nafx il-klassifikazzjoni taghhom, ….".

Fix-xhieda ta' l-ispettur Micallef Grimaud a fol. 96 et sequitur xehed li l-management ta' l-Havana kienu nformawh li kienu tkeccew xi nies minhabba xi rapporti precedenti fuq incidenti simili ghall-incident 'de quo', izda David Brownrigg fil-fatt kien ghadu impjegat ma' l-Havana.

L-imputati ghazlu li ma jixhdux.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti tibda biex tiddeplora l-manjiera ljeta li biha l-Prosekuzzjoni ressqet il-provi taghha. F'dan il-kaz huwa evidenti li l-ufficjal prosekutur naqas li jaghti x-xhieda tieghu b'mod koerenti, naqas illi jesebixxi l-istqarriji li fil-fatt kien ha ta' l-imputati, u addirittura naqas milli jesebixxi ritratti u dokumenti ta' "identification parade" li ssemmiet li sehhet fil-mori ta' l-kawza.

Mhux hekk biss, l-ufficjal prosekutur naqas milli jressaq lill-management ta' l-Havana biex almenu din il-Qorti jkollha konferma ta' l-impjieg o meno ta' l-imputati bhala bouncers fil-Havana.

Mill-provi illi jemergu mit-testimonjanza ta' Dr Stefan Fenech gie kkonfermat il-fatt illi kien hemm frattura f'seba l-kbir ta' wiehed mill-istranjieri u gie konfermat griehi fil-parti tal-wicc taht l-eyebrows tal-imsemmija stranjieri li kienu jirrikjedu l-punti. Illi jidher bic-car illi dan it-tabib ma kellux taghrif sufficjenti dwar kif ghandha ssir klassifikazzjoni ta' griehi f'termini medico legali u mit-taghrif li l-Qorti giet moghtija mill-istess Dr Fenech f'termini medikali, fehmet li l-griehi ghandhom jigu

klassifikati bhala gravi per durata ghal dak li jirrigward il-frattura fis-sebgha l-kbir ta' Gustav Isakssom u sfregju permanenti ghal griehi li rrikjedew punti fil-gilda tenerissima ta' madwar l-ghajn.

Din il-Qorti di piu  hija tal-fehma li ghandha provi skaccanti li kienu z-zewg imputati fost ohrajn li agredixxew lill-istudenti stranjieri.  Dak li ma giex pruvat f'livell probatorju rikjest mill-ligi kriminali huwa jekk il-griehi fuq l-istudenti Isaksson u Lindgvist kienux in realta' inflitti mill-imputati migjuba quddiem din il-Qorti.

Fid-dawl ta' l-provi fjakki mressqa din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr illi tindirizza dan l-incident id-dawl tar-reat mahsub taht l-artikolu 237 ta' l-Kap 9.

Dan l-Artikolu jipprovdi is-segwenti:
"Where in an accidental affray a homicide or bodily harm is committed and it is not known who is the author thereof, each person who shall have taken an active part against the deceased or the person injured shall, on conviction, be liable……………"

Id-Difiza fit-trattazzjoni irribadiet illi din il-Qorti ma tistax fil-fatt issib htija taht dan l-artikolu 'il ghaliex dan ir-reat huwa sui generis u l-Avukat Generali naqas illi jinvoka dan l-artikolu fost l-artikoli elenkati u mibghutin fl-20 ta' Gunju 2002.

Illi minkejja dak li gie ritenut fis-sentenza "Il-Pulizija vs Silvio Pace et"  per Magistrat Noel Cuschieri (sentenza li ma gietx sindikata mill-Qorti tal-Appell) din il-Qorti ma tistax takkolji bhala principju il-fatt illi r-reat ta' rissa huwa reat sui generis, b'tali mod li in-nuqqas ta' indikar tal-istess artikolu mill-Avukat Generali iwassal sabiex Qorti tkun prekluza mill-possibilita ta' sejbien ta' htija taht dan l-artikolu.

Bir-rispett kollu il-Qorti tifhem illi hija prassi kostanti tal-Qrati Maltin illi Qorti tikkonsidra reati ta' portata anqas izda mhux aktar  mir-reati mahsuba fl-artikoli mahruga mill-Avukat Generali.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib l-imputati hatja ai termini ta’ l-Artikoli 216, 237 u 28A tal-Kap. 9, u tikkundannahom ghal sena prigunerija sospiza ghal erba’ snin.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza, jirrizulta li din hija preskritta u ghaldaqstant qed tilliberahom minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------